MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Numru 23/2010

**“Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**v.**

**“Darren Cross**
***… omissis …***
***… omissis …*”**

Il-Qorti,

**1.** Regghet rat in-nota ta’ l-ufficjali tal-*probation* Antonella Spagnol u Matthew Fleri Soler tad-29 ta’ Novembru 2010 li biha ghamlu denunzja fis-sens ta’ l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, u fejn informaw lil din il-Qorti li l-imsemmi Darren Cross naqas li jirrapporta lill-awtorita` relevanti minn zmien ghal zmien skond l-istruzzjonijiet mahruga minnhom bhala ufficjali ghas-servizz fil-komunita`, u naqas milli javza u jgib raguni valida ghan-

nuqqas ta' attendenza tieghu lill-ufficjali tal-*probation* inkarigati u lill-Kunsill Lokali nvolut;

**2.** Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-24 ta' Awissu 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikolu 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolament 6 ta' l-Avviz Legali 12 tas-sena 2001 u l-Kap. 348 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Darren Cross hati tar-reati addebitati lilu, u cioe` talli (flimkien ma' persuni ohra ko-imputati mieghu):

(1) f'xi hin bil-lejl fil-perijodu ta' bejn it-23 u s-26 ta' April 2010 volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe` hsara li tikkkonsisti fi tqaccit ta' diversi sigar gewwa l-masgar maghruf bhala Foresta 2000 sitwat fil-Marfa limiti tal-Mellieha, liema hsara li teccedi €1164.69 u li saret fi proprjeta` pubblika, tammonta komplessivament ghal €3960, u dan ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew persuni ohra;

(2) fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, bi ksur tar-Regolament 6 ta' l-Avviz Legali 12 ta' 2001 Att Biex Ihares l-Ambjent (Kap 348) Regolamenti tal-2001 dwar il-Harsien tas-Sigar u l-Imsagar, waqqghu jew ipprovaw iwaqqghu, qatghu jew ipprovaw jaqtghu, nehhew jew ipprovaw inehhu qoxra tas-sigra jew partijiet taghha, nehhew jew ipprovaw inehhu l-weraq tas-sigar jew partijiet taghhom, qalghu jew ipprovaw jaqilghu l-gheruq, nehhew jew ipprovaw inehhu l-injam wahhlu jew ipprovaw iwahhlu xi haga ma' jew bi kwalunkwe mod qerdu jew ipprovaw jeqirdu, ghamlu hsara jew ipprovaw jaghmlu hsara, lil xi sigar jew partijiet taghhom li huma elenkati fl-Iskedi I, II u III u ta' xi sigar jew parijiet taghhom li jinsabu fl-inhawi elenkati fl-Iskeda IV li jinsabu ma' dawn ir-regolamenti, hlief ghal ragunijiet ta' maniggar jew ta' intervent kirurgiku mwettqa mid-Dipartiment jew mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura jew minn persuni minnhom awtorizzati, msemmija fir-regolament 15 ta' l-Avviz Legali 12 tal-2001 Att Biex Ihares l-Ambjent (Kap. 348) Regolamenti tal-

001dwar il-Harsien tas-Sigar u l-Imsagar (2) (c) u cioe` sigar ta' taht l-ghaxar snin fl-eta';

**3.** Rat l-ordni maghmul fil-konfront ta' l-imsemmi Darren Cross a tenur ta' l-artikolu 11 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jaghmel servizz fil-komunita` ghal perijodu ta' tliet mitt siegha;

**4.** Semghet id-deposizzjonijiet moghtija mill-ufficjali tal-*probation* Antonella Spagnol u Matthew Fleri Soler; ikkunsidrat:

**5.** Mix-xiehda ta' Antonella Spagnol irrizulta illi l-imsemmi Darren Cross kien beda jwettaq servizz fil-komunita` billi jahdem fil-lokalita` tal-Mellieha taht is-supervizjoni tal-Kunsill Lokali. Kien sar ftehim fis-sens illi huwa jattendi darbtejn fil-gimgha u jaghmel hames sighat xoghol kull darba. Huwa naqas milli jattendi tliet darbiet konsekuttivi minghajr ma avza la lill-Ufficcju tal-*Probation* u lanqas lill-Kunsill Lokali. Fil-mori ta' dawn il-proceduri, pero`, instab ghall-istess Darren Cross xoghol alternattiv mal-Kunsill Lokali ta' Ta'Xbiex. Huwa beda jwettaq dan ix-xoghol, konsistenti f'xoghol ta' manutenzjoni, u baqa' jattendi regolarment. F'dawn ic-cirkostanzi ghalhekk, u wara li din il-Qorti hi sodisfatta li l-imsemmi Darren Cross fehem is-sinjifikat ta' servizz fil-komunita` u l-konsegwenzi jekk jonqos milli jwettaq ix-xoghol assenjat lilu ghall-perijodu totali ta' tliet mitt siegha, hi tal-fehma li l-ordni ta' servizz fil-komunita` ghandu jibqa' fis-sehh.
**6.** Ghal dawn il-motivi tiddisponi mid-denunzja billi, wara li rat l-artikolu 21 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imsemmi Darren Cross ghall-hlas ta' *ammenda* ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), u tordna li jibqa' fis-sehh l-ordni ta' servizz fil-komunita` kif maghmul bis-sentenza msemmija tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-24 ta' Awissu 2010.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------